L-operaturi, il-kaptana, u l-ekwipaġġ għandhom isegwu fuq VHF Channel 12 u jikkoperaw mal-uffiċjali tal-infurzar fiż-żona u mal-Valletta Port Control (Valletta VTS) u jħarsu l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet kollha mogħtija.

Tittieħed azzjoni ta' infurzar kif xieraq fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità.

[1] Storbju: huwa ħoss mhux mixtieq meqjus bħala mhux pjaċevoli, qawwi jew li jfixkel is-smigħ, għandu, fost l-oħrajn, jinkludi hornijiet, sireni, sfafar, frattarija, għajjat, tmasħir, tnabar u sorsi oħra.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 23 tal-2023 ta' Transport Malta huwa b'dan IKKANĊELLATA.

Id-19 ta' Lulju, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 16 tal-2024

Żona Ristretta bejn il-Ponta tal-Aħrax u Daħlet ix-Xilep

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika li bħala parti minn proġett EU LIFE, immirat biex jipproteġi l-Yelkouan Shearwaters (Garnija), għasafar tal-baħar li jbejtu fuq l-irdum, ġiet stabbilita żona ristretta. Waħda minn dawn il-breeding areas tinsab fir-Rdum tal-Madonna fuq l-irdumijiet bejn il-Ponta ta' l-Aħrax u Daħlet ix-Xilep.

Il-ħabitat u l-breeding ground ta' għaxra fil-mija (10%) tal-popolazzjoni tad-dinja ta' Yelkouan Shearwaters, tinsab fi Rdum tal-Madonna. Iż-żona ġiet indikata bħala 'Special Protection Area' (SPA) u issa hija ta' Importanza u Interess Internazzjonali fil-konservazzjoni tal-ispeċi u ta' għasafar tal-baħar oħra. Id-dawl u l-istorbju jiddisturbaw serjament l-għasafar bil-periklu li jabbandunaw il-post fejn ibejtu.

2. The names and contact numbers of the Master and of a second contact person, (on board) shall be provided to the Authority;

3. Noise[1] and music levels shall be controlled so that they do not cause any disturbance and nuisance to other persons on vessels in the vicinity or persons ashore. Sound levels shall not impair in any way, communications to and from the vessel. To be complied with at all times;

4. Music must be stopped by 11.00 p.m.

Further restrictions may apply to locations in close proximity to residential or environmentally sensitive areas.

Operators, masters, and crew are to keep watch on VHF Channel 12 and cooperate with the enforcement officers in the area and with the Valletta Port Control (Valletta VTS) and comply with all instructions and directions given.

Enforcement action will be taken accordingly in the event of any non-compliance.

[1]Noise: is unwanted sound considered unpleasant, loud or disruptive to hearing, it shall, amongst others, include horns, sirens, whistles, rackets, shouting, jeering, drums and other sources.

Local Notice to Mariners No. 23 of 2023 of Transport Malta is hereby CANCELLED.

19th July, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 16 of 2024

Restricted Area between Il-Ponta tal-Aħrax and Daħlet ix-Xilep

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that as part of an EU LIFE project, aimed at protecting the Yelkouan Shearwaters (Garnija), seabirds that breed on cliffs, a restricted area is established. One such breeding area is located at Rdum tal-Madonna on the cliffs between Il-Ponta tal-Aħrax and Daħlet ix-Xilep.

The habitat and breeding ground of ten per cent (10%) of the world's population of Yelkouan Shearwaters, is located at Rdum tal-Madonna. The area has been designated as a 'Special Protection Area' (SPA) and is now of International Importance and Interest in the conservation of the species and of other seabirds. Light and noise seriously disturb the birds with the danger of them deserting the colony.

Il-buffer zone għall-SPA (madwar 1.1 mil nawtiku mix-xatt) tinsab bejn il-punti immaġinarji li ġejjin u l-linja tax-xatt ta' bejniethom, kif muri fiċ-chart 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
(A)	35°59'.268	14°22'.574
(B)	35°59'.231	14°23'.759
(C)	36°00'.624	14°23'.088
(D)	36°00'.874	14°22'.692
(E)	35°59'.901	14°22'.057

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-kaptana tal-bastimenti u l-inġenji kollha għandhom iżommu ma' dawn ir-regoli waqt li jkunu għaddejjin miż-żona s-sena kollha.

L-ebda dwal, minbarra dwal preskritti fil-Konvenzjoni dwar ir-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar, 1972 (COLREGs), m'għandhom jiġu esibiti. L-ebda ħoss qawwi minn xi bastiment, għajr sound signals kif preskritt fir-Regolamenti ta' Kolliżjonijiet (COLREGs), m'għandu jkun permess meta ssir navigazzjoni fil-buffer zone jew qrib.

Operaturi ta' pleasure cruises li jorganizzaw 'boat parties' huma obbligati li jsegwu l-linji gwida ta' hawn fuq. Id-dwal kollha, mhux relatati man-navigazzjoni tal-bastiment, għandhom jintfew meta jgħaddu miż-żona indikata. Ħsejjes qawwija u mużika mhux permessi fl-SPA.

Fl-ebda ħin mhu permess sparar ta' murtali u logħob tan-nar ieħor qrib jew fil-buffer zone sal-SPA – is-sena kollha.

Il-buffer zone sal-SPA hija 'no stopping zone' għall-bastimenti kollha minbarra bastimenti li jwettqu attivitajiet tas-sajd.

Attivitajiet tas-sajd fiż-żona li jużaw dwal qawwijin (lampara, eċċ.) huma pprojbiti skont l-Art.4 tal-Fishery Regulations (SL425.01) u l-Council Regulation (EC) Nru 1967/2006 li jirrigwarda t-tmexxija.

Minbarra dan ta' hawn fuq, id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li bħala parti mill-LIFE Arċipelagu Garnija project, l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) stabbiliet numru ta' restrizzjonijiet, f'konformità ma':

il-Birds Directive (Direttiva 2009/147/EC) trasposta fil-leġiżlazzjoni Maltija permezz tar-Regolamenti dwar il-Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42);

il-Habitats Directive (Direttiva 92/43/EEC) trasposta fil-leġiżlazzjoni Maltija permezz tal-Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L 549.44);

The buffer zone to the SPA (about 1.1 nautical mile from shore) lies between the following imaginary points and the intermediate coastline, as shown on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
(A)	35°59'.268	14°22'.574
(B)	35°59'.231	14°23'.759
(C)	36°00'.624	14°23'.088
(D)	36°00'.874	14°22'.692
(E)	35°59'.901	14°22'.057

In view of the above Masters of all vessels and craft are to adhere to the following conduct while transiting the area all year round.

No lights, other than lights prescribed in the Convention on the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea, 1972 (COLREGs) shall be exhibited. No loud noise from any vessel, other than the sound signals as prescribed in the Collision Regulations (COLREGs), shall be permitted when navigating in or near the buffer zone.

Operators of pleasure cruises holding organised 'boat parties' are obliged to follow the above guidelines. All lights, not related to the navigation of the vessel, shall be extinguished when transiting the indicated area. Loud noise and music is not permitted in the SPA.

The 'letting off' of petards and other fireworks from sea is strictly prohibited in or near the buffer zone to the SPA - all year round.

The buffer zone to the SPA is a 'no stopping zone' for all vessels other than vessels carrying out fishing activities.

Fishing activities in the area using powerful bright lights (lampara, etc.) are prohibited in line with Art.4 of the Fishery Regulations (SL425.01) and Council Regulation (EC) No 1967/2006 concerning management.

Further to the above, the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that as part of the LIFE Arċipelagu Garnija project, the Environment and Resources Authority (ERA) has established a number of restrictions, in line with:

the Birds Directive (Directive 2009/147/EC) transposed into Maltese legislation through the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42);

the Habitats Directive (Directive 92/43/EEC) transposed into Maltese legislation through the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L 549.44);

il-Marine Strategy Framework Directive (Direttiva 2008/56/EC) trasposta fil-leġiżlazzjoni Maltija permezz tal-Marine Policy Framework Regulations (S.L. 549.62).

Il-bastimenti kollha, minbarra bastimenti involuti fis-sajd u bastimenti involuti f'operazzjonijiet ta' għadis rikreattiv, huma pprojbiti milli jankraw fiż-żona magħluqa bil-linja immaġinarja X-Y u l-linja tax-xatt ta' bejniethom murija ħamra skura fuq chart 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-bastimenti kollha li joperaw f'din iż-żona m'għandhomx jaqbżu l-veloċità massima permessa ta' 3 knots.

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
(X) 35°59'.584	14°22'.339
(Y) 35°59'.539	14°23'.361

Avviż lill-Baħħara Nru 10 tal-2023 ta' Transport Malta huwa b'dan IKKANĊELLAT

Charts affettwati: BA 211A, 2538, 2537, 194

Id-19 ta' Lulju, 2024

the Marine Strategy Framework Directive (Directive 2008/56/EC) transposed into Maltese legislation through the Marine Policy Framework Regulations (S.L. 549.62).

All vessels, other than vessels engaged in fishing and vessels engaged in recreational diving operations, are prohibited from anchoring in the area enclosed by the imaginary line X-Y and the intermediate coastline shown hatched red on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). All vessels operating in this area shall not exceed the maximum permitted speed of 3 knots.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
(X) 35°59'.584	14°22'.339
(Y) 35°59'.539	14°23'.361

Notice to Mariners No. 10 of 2023 of Transport Malta is hereby CANCELLED.

Charts affected: BA 211A, 2538, 2537, 194

19th July, 2024

AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali tgħarraf rigward il-vakanzi li ġejjin:

Post ta' Administrative Officer (IT Unit) skont numru tal-permess ta' Jobsplus 428/2024;

Post ta' Manager I (Finance Unit) skont numru tal-permess ta' Jobsplus 611/2024;

Post ta' Junior Assessor skont numru tal-permess ta' Jobsplus 119/2024;

Post ta' Manager I (Procurement Unit) skont numru tal-permess ta' Jobsplus 610/2024;

Partijiet interessati jistgħu jitolbu dettalji permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.scsa@gov.mt), jew id-deskrizzjoni tax-xogħol tista' titniżżel minn (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024, f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew).

Sottomissjonijiet li jaslu wara din id-data ma jkunux ikkunsidrati.

Id-19 ta' Lulju, 2024

SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

The Social Care Standards Authority has the following vacancies:

Post of Administrative Officer as per Jobsplus permit number 428/2024;

Post of Manager I (Finance Unit) as per Jobsplus permit number 611/2024;

Post of Junior Assessor as per Jobsplus permit number 119/2024;

Post of Manager I (Procurement Unit) as per Jobsplus permit number 610/2024.

Interested parties may request details by sending an email to (recruitment.scsa@gov.mt) or the Job Description may be downloaded from (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

The deadline for the submission of applications is Friday, 2nd August, 2024, at noon (Central European Time).

Late submissions will not be accepted.

19th July, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

EOI NLA-280-24: Sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għoti ta' servizz bħala Evalwaturi ta' testi u kotba għat-tfal u l-adolexxenti bl-Ingliż

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Evalwaturi ta' testi u kotba għat-tfal u l-adolexxenti bl-Ingliż, għall-perjodu ta' sena sal-aħħar ta' Awissu 2025, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz. Is-servizz jista' jinkludi l-evalwazzjoni ta' varjetà ta' testi għat-tfal u l-adolexxenti li jinkludu imma mhux biss rumanzi, stejjer qosra, poeżiji u testi fattwali qabel il-pubblikazzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni ta' kotba diġà ppubblikati. Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull test/ktieb li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fuq (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/).

L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi ta' kotba bl-Ingliż jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni li jippubblikaw kotba bl-Ingliż.

L-applikanti huma mistennija li jkollhom kwalifika fl-Ingliż fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla. Applikanti b'teżijiet speċjalizzati fil-letteratura u/jew b'esperjenza bħala għalliema tal-Ingliż se jingħataw preferenza. Esperjenza ta' xogħol f'dan il-qasam tingħata kunsiderazzjoni xierqa.

L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

Il-kandidati għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata jew bl-idejn lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024, f'nofsinhar.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-19 ta' Lulju, 2024

NATIONAL LITERACY AGENCY

EOI NLA-280-24: Call for expression of interest for the provision of service as Evaluators of scripts and books in English for children and adolescents

The National Literacy Agency invites qualified persons wishing to offer their services as Evaluators of scripts and books in English for children and adolescents, for a period of one year until the end of August 2025, to express their interest in providing this service. The service may include the evaluation of a variety of literary works for children and adolescents, including but not limited to novels, short stories, poetry, and non-fiction scripts prior to publication as well as the evaluation of books already published. Interested parties are requested to offer the rates of payment (excluding VAT) for each script/book they evaluate, according to the checklist available on (https://nla.gov.mt/notices/).

Applicants cannot be authors of books in English or current employees of publishing houses that publish books in English.

Applicants are expected to be in possession of a qualification (degree) in English at MQF Level 6 or higher. Thesis specialisation in Literature and/or experience as teachers of English are considered an asset. Work experience in this field will be given due consideration.

The Agency reserves the right to call only eligible applicants who offer the best rates.

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post or by hand to the National Literacy Agency, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 2nd August, 2024, at noon.

Further information may be obtained by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325. Late submissions will not be considered.

19th July, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi Locum fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi Locum, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin li jiġġedded kull sena bħala Basic Specialist Trainee (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi Locum, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva li jwassal għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija Bażika ta' Speċjalist (CCBST).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Basic Specialist Traine (Mediċina tal--Emerġenza) fuq bażi Locum hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tliet (3) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni time-barred, il-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi locum tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan Jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss.'

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu storja ta' impjieg mill-Jobsplus mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Position of Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis in the Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment renewable annually as a Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis in the Ministry for Health and Active Ageing leading to a certificate of completion of Basic Specialist Training (CCBST).

2.2 The position of Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis is subject to a probationary period of three (3) months.

2.3 Since this is a position time-barred, the position of Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.5 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a Jobsplus employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi Locum huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 8 li jibda mill-ħames tarġa ta' Skala ta' Salarju 8 (li fis-sena 2024 huwa €29,126.34 fis-sena li jitla b'€486.83 sa massimu ta' €30,100.00) flimkien ma' Specialist Allowance ta' €4,780 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

3.2 Persuna magħżula li tissodisfa l-kriterji stabbiliti għall-ispeċjalita' rilevanti, kif speċifikat fil-kurrikulu ta' taħriġ rispettiv u l-eżiġenzi tal-ispeċjalita' kif approvat mill-Kumitat ta' Taħriġ skont il-linji gwida stabbilit mill-Kumitat għall Approvazzjoni dwar Speċjalisti ta' Malta, waqt it-terminu tal-kuntratt, suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, tiġi maħtura Basic Specialist Trainee 2 (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi Locum u titpoġġa f'mhux inqas mill-ħames tarġa ta' Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2024 hija €30,980.66 fis-sena lli jitla' b'żidiet ta' €531.17 fis-sena sa massimu ta' €32,043.00) flimkien ma' Specialisation Allowance ta' €5,820 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Mediċina tal-Emerġenza) fuq bażi Locum jinkludu li:

i. Jaħdem fid-Dipartiment tal-Aċċident u Emerġenza fi kwalunkwe sptar jew ċentru li jipprovdi kura tal-emerġenza, u dejjem taħt is-superviżjoni tas-superjuri tiegħu u jirrispondi direttament liċ-Chairperson Kliniku ta' dan id-Dipartiment;

ii. Jahdem f'shift jew roster skont l-esiġenzi tad-Dipartiment;

iii. Jipparteċipa fl-attivitajiet akkademiċi organizzati fi ħdan id-Dipartiment tal-Aċċident u Emerġenza;

iv. Itemm b'suċċess ir-rekwiżiti speċifikati fil-kurrikulu rispettiv u l-esiġenzi ta' taħriġ ta' din l-ispeċjalità kif approvat mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta taħt id-direzzjoni tal-Postgraduate Training Co-ordinator rispettiv;

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary Pegged to the Position

3.1 The salary attached to the position of Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis is equivalent to Salary Scale 8, starting from the fifth step of Salary Scale 8 (which in the year 2024 is €29,126.34 per annum by increments of € 486.83 up to a maximum of €30,100.00) together with a Specialisation Allowance of €4,780 per annum, which shall be paid in thirteen equal instalments per annum.

3.2 An appointee who satisfies the criteria established for the relevant specialty, as specified in the respective training curriculum and exigencies of the specialty as approved by the Training Committee along the guidelines set by the Specialist Accreditation Committee of Malta during the contract period will, subject to satisfactory performance, be appointed Basic Specialist Trainee 2 on Locum Basis and shall be placed in not less than the fifth step of Salary Scale 7, (which in the year 2024 is €30,980.66 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €32,043.00) together with a Specialisation Allowance of €5,820 per annum, which shall be paid in thirteen equal instalments per annum.

Duties

4.1 The job duties for the position of Basic Specialist Trainee (Emergency Medicine) on Locum Basis include:

i. Works within the Department of Accident and Emergency in any hospital or centre that provides emergency care, always under the supervision of his/her seniors and will be directly accountable to the Clinical Chairperson of this Department;

ii. Works in a shift or roster according to the exigencies of the Department;

iii. Participates in the academic activities organized by the Department of Accident and Emergency;

iv. Successfully completes the requirements specified in the respective training curriculum and exigencies of this specialty as approved by the Specialist Accreditation Committee of Malta under the direction of the respective Post-graduate Training Co-ordinator;

v. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

vi. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista'jkun meħtieġ;

vii. Iwettaq kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa taqdi dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-deskrizzjoni tal-amministrazzjoni.

4.3 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti on-call skont roster stabbilita li tista' tinkludi dmirijiet ta' billejl. Din ir-roster tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġiet tat-taħriġ kif jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-eżiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati. Erba' (4) sigħat fil-ġimgħa ta' ħin protett bil-ħlas ikun allokat għall-fini ta' taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt

v. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and Active Ageing;

vi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

vii. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the management.

4.3 The appointee may be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) hours per week and for work performed on Sundays and public holidays. Four (4) hours per week paid protected time will be allocated for postgraduate training purposes.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family

ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Applikazzjonijiet jigu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjizi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji imsemmija f'paragrafu 5.1(i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti imsemmija f'paragrafi 5.1(ii) sa 5.2. Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xoghol f'dawk il-kazijiet fejn hija mehtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġizlazzjoni sussidjarja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

Aktar minn hekk, kandidati magħżula għandhom jipprovdu evidenza bażika fil-lingwa Maltija fi żmien sena (1) mill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Kandidati magħżula li ma jkunux għadhom kisbu dan iċ-ċertifikat fi żmien ta' prova, jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsamill-kandidati prospettivi magħżula. Madanakollu, tali spejjeż jistgħu jitħallsu lura permezz tal-Continuous Medical Education Scheme (CME).

iii (a) irreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta u fil-pussess tal-warrant biex jipprattikaw, u

(b) fil-pussess tal-Foundation Programme certificate of completion (FPCC) maħruġ mill-Malta Foundation School jew kwalifika li hi meqjusa mill-Kunsill Mediku ta' Malta bħala xierqa, rilevanti u komparabbli.

members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Applications will also be considered from candidates who are third country nationals and do not satisfy the criteria set out in paragraph 5.1(i), provided that they satisfy the requirements stated in paragraphs 5.1(ii) to 5.2. The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

Furthermore, selected candidates must provide evidence of basic proficiency in the Maltese language within one (1) year of engagement by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 of the University of Malta. The course officially leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 run by the Department of Maltese of the University of Malta. Selected candidates who would have to obtain this certification within the probationary period, will be given a one-time extension to enable them to successfully obtain this certification. Any related course and assessment fees are to be paid by prospective selected candidates. However, such expenses may be claimed through the Continuous Medical Education Scheme (CME).

iii. (a) fully registered with the Medical Council of Malta and in possession of a warrant to practice; AND

(b) in possession of the Foundation Programme certificate of completion (FPCC) issued by the Malta Foundation School or a qualification which is deemed by the Medical Council of Malta to be appropriate, relevant and comparable.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 Aktar minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu formalment r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafu 5.1(iii) (a) u (b), xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li jikkwalifikaw għal tali ħtiġiet sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk jintgħażlu, tali kandidati jridu jippreżentaw ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 5.1(iii) (a) u (b) qabel jiġu appuntati.

5.2 Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraph 5.1 (iii) (a) and (b) will still be considered provided that they submit evidence that they would qualify for such requirements by the 31st October, 2024. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraph 5.1 (iii) (a) and (b) before appointment

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandhom ikunu skennjati u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal on (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 2nd August, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn dinis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni (https://sahha.gov.mt), +356 2299 2604 u (recruitment.health@gov.mt).

Id-19 ta' Lulju, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15 Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address for the of the receiving Division are (https://health.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604 and email address is (recruitment.health@gov.mt).

19th July, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Assistant Manager (Human Resources) in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the Post of Assistant Manager (Human Resources) in the Ministry for Health and Active Ageing.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati iridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2024 huwa ta' €22,642.98 fis-sena, li jiżdied bi €375.17 fis-sena sa massimu ta' €24,894.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532) fis-sena 2024 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għall-ħlas ta' allowance tal-klassi ta' €500, suġġett għal xogħol sodisfaċenti.

2.6 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tar-Riżorsi Umani, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.7 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.8 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tarRekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din issejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.9 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu storja ta' impjieg mill-Jobsplus mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Human Resources) is Salary Scale 11, which in the year 2024 is equivalent to €22,642.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €24,894.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532) in the year 2024 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual class allowance of €500, subject to satisfactory performance.

2.6 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Human Resources, in accordance with established vacancies.

2.7 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.8 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.9 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a Jobsplus employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should

jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) jinkludu li:

i. Jikkompila l-informazzjoni kollha mitluba meħtieġa għall-ippjanar effettiv tal-HR, il-ġbir tad-data kif dirett mill-maniġment superjuri;

ii. Iżomm kif iggwidat is-sistemi ta' preżentata meħtieġa fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati tar-Riżorsi Umani;

iii. Jappoġġja l-ġbir tad-data u r-rekords tar-Riżorsi Umani billi jżomm sistema ta' preżentata u ta' rkupru u jżomm rekords tal-passat u attwali, li għandha tiġi allinjata mas-sistema ċentrali ta' DAKAR kif meħtieġ;

iv. Jappoġġja kif meħtieġ,biex jara li kwistjonijiet relatati mal-politiki, il-programmi u l-prattiki tar-riżorsi umani huma konformi mal-politiki ċentrali;

v. Jassisti fil-kontrolli regolari ta' konformità li jiżguraw li l-politiki stabbiliti jkunu qed jiġu osservati, u jassisti fil-kumpilazzjoni tar-rapporti dwar miżuri korrettivi meħtieġa mill-maniġment superjuri u l-partijiet involuti;

vi. Jikkontribwixxi kif meħtieġ fir-rigward ta' sejħiet għall-pubblikazzjoni li jsegwu l-mudelli rispettivi u jappoġġja l-monitoraġġ tat-tħejjija ta' tali sejħiet:

vii. Jappoġġja l-għoti ta' kwalunkwe data meħtieġa f'każ ta' negozjati mat-trade unions:

viii. Jikkollabora mal-IPS fir-rigward tad-data tal-impjegati li jeħtieġu induzzjoni;

ix. Ixerred informazzjoni u aġġornamenti dwar l-amministrazzjoni pubblika kif meħtieġ;

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th July, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 394/2020 in the case:

The Police
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

ALDO CUTAJAR, public officer, 60 years, son of the late John and Maria Carmela née Cremona, born in Ħ'Attard, Malta, on the 28th May, 1964, residing at 345, 'Yintai', Triq San Pawl, Naxxar and holder of Maltese identity card bearing number 297364M;

ISABEL CUTAJAR;

AND

GEMINI DESIGNS STUDIOS LIMITED,

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat ALDO CUTAJAR li jipperċepixxi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Soġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu. Illi l-imputat għandu jipperċepixxi s-somma ta' €1,828.75 fix-xahar mill-kont tal-bank intestat f'ismu li jispiċċa -1017 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Josette Demicoli, LLD), fis-16 ta' Awwissu, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Awwissu, 2020, u wara digriet bl-estensjoni tal-ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD), fl-24 ta' Awwissu, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Awwissu, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ALDO CUTAJAR, Isabel Cutajar u Gemini Designs Studios Limited.

Illum 16 ta' Lulju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court AUTHORISES the accused ALDO CUTAJAR to perceive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five ewro (€21,945) annually as the maximum amount. That the accused shall percieve the sum of €1,828.75 per month from the bank account listed in his name ending in -1017 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), on the 16th August, 2020, which was published in the Government Gazette on the 21st August, 2020, and following the extension of the freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD), on the 24th August, 2020, which was published in the Government Gazette on the 27th August, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ALDO CUTAJAR, Isabel Cutajar and Gemini Designs Studios Limited.

Today 16th July, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1583

ARB/C012/2024 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-12 ta' Lulju, 2024 mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur John Leigh Howard)
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

OEZGUR CAN CELIK, jaħdem għal rasu, ta' 28 sena, iben Cetik u Nemmui xebba Glik, imwieled Wiesbaden, il-Ġermanja, fit-13 ta' Frar, 1996, u residenti fi Flat 6, 'Welcome Apartments', Triq Moroni, Tas-Sliema, u detentur ta' passaport Ġermaniż bin-numru C5J8VFCL2 u dokument ta' identifikazzjoni Malti bin-numru 418757A;

ARB/C012/2024 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 12th July, 2024 given by the Criminal Court (the Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD). In the case:

The Police
(Inspector John Leigh Howard)
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Versus

OEZGUR CAN CELIK, self-employed, 28 years, son of Celik and Nemmui née Glik, born in Wiesbaden, Germany on the 13th February, 1996, and residing at Flat 6, 'Welcome Apartments', Triq Moroni, Tas-Sliema, and holder of German passport bearing number C5J8VFCL2 and Maltese identification document bearing number 418757A;

U

WARDA CHARLY,

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat OEZGUR CAN CELIK sabiex jirtira l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) illi ġew depożitati fir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta) permezz ta' ċedola ta' depożitu bir-referenza numru 357/2024 u datata 2 ta' Lulju, 2024.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD) fis-27 ta' Jannar, 2024 li ġie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Frar, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' OEZGUR CAN CELIK u Warda Charly.

Illum 16 ta' Lulju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

AND

WARDA CHARLY,

The Court AUTHORISED the accused OEZGUR CAN CELIK to withdraw the amount of three thousand euro (€3,000) which were deposited in the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta) by means of a schedule of deposit with reference number 357/2024 and dated 2nd July, 2024.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana LLD) on the 27th January, 2024, which was published in the Government Gazette on the 6th February, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to OEZGUR CAN CELIK and Warda Charly.

Today 16th July, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1584

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit-12 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 5/2024 fl-ismijiet Din l-Art Ħelwa vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Joseph Manuel Galea (KI 31182M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Manuel Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 5/2024 ir-rikorrenti appellanti Din l-Art Ħelwa ppreżentat fit-8 ta' Jannar, 2024, fl-ismijiet premessi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-19 ta' Diċembru, 2023, fejn it-Tribunal kien ċaħad l-appell interpost mill-għaqda appellanti minn deċizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar fejn din approvat l-ħruġ tal-permess bin-numru PA 612/21 favur l-appellat Joseph Manuel Galea għad-diversi aggravji miġjuba kemm quddiem it-Tribunal kif ukoll f'dan ir-rikors tal-appell, senjatament il-ksur mill-Kummissjoni tal-Ippjannar ta' diversi policies, outlines, injorar tal-oġġezzjonijiet ta' min ġie kkonsultat u ksur ta' diversi avviżi legali.

Għaldaqstant, l-appellanti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta ' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

By means of a decree delivered , by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 12th June, 2024, in the records of the Application number 5/2024 in the names Din l-Art Ħelwa vs the Planning Authority and the party called joined in suit Joseph Manuel Galea (ID 31182M), the following publication was ordered for the purpose of service of Joseph Manuel Galea in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 5/2024 the applicant appellant Din l-Art Ħelwa filed on the 8th January, 2024, in the names premised an appeal from a decision of the Environment and Planning Review Tribunal of the 19th December, 2023, wherein the Tribunal dismissed the appeal filed by the appellant organisation against a decision of the Planning Commission whereby it approved the issue of the permit with number PA 612/21 in favour of the respondent Joseph Manuel Galea for the various grievances brought forward both before the Tribunal as well as in this appeal, namely the violation by the Planning Commission of various policies, outlines, non-consideration of the objections of the consultees and violations of various legal notices.

Therefore, the appellant respectfully requests this Honourable Court to cancel and revoke the decision delivered by the Environment and Planning Review Tribunal

imsemmija u appellata, tirrevoka il-permess de quo u tagħti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti.

Ir-Rikors numru 5/2024 fl-ismijiet Din l-Art Ħelwa vs l-Awtorità tal-Ippjanar et jinsab iddifferit ghad-9 ta' Ottubru, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika: Joseph Manuel Galea, Silvestru, Triq il-Qammieħ , Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 16 ta' Lulju, 2024

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

mentioned and appealed, revoke the permit de quo and give all those provisions it deems fit and just.

Application number 5/2024 in the names Din l-Art Ħelwa vs the Planning Authority et has been postponed for hearing to the 9th October, 2024, at 9.00 a.m.

Notification: Joseph Manuel Galea, Silvestru, Triq il-Qammieħ, Mellieħa

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 16th July, 2024

DR FRANCO BONDIN LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1585

B'digriet mogħti, mill-Qorti ta-Appell fit-30 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 52/2018 fl-ismijiet Mary Doris Caruana et noe vs l-Awtorità tal-Ippjannar et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-intimati Paul Cardona u Michael Axisa a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' digriet tal-Qorti ta-Appell tat-30 ta' Mejju, 2024, għar-rigward tal-Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għal din il-kawża u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet fuq msemmija, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-3 ta' Ottubru, 2024, fid-8.45 a.m.

Notifika: Paul Cardona, Tas-Sultan, Triq Ħal Far, Iż-Żurrieq
Michael Axisa, 4, Farmhouse, St Peter's Pool, Dellimara l/o Marsaxlokk

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 16 ta' Lulju, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court of Appeal given on 30th May, 2024, in the records of Application number 52/2018 in the names Mary Doris Caruana et noe vs the Planning Authority et the following publication was ordered to serve as a notification of the notice of hearing in regard to the respondents Paul Cardona and Michael Axisa pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a decree of the Court of Appeal of the 30th May, 2024, regarding the Notice of Hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts for this cause and since the written procedures before the Court of Appeal in the cause in the names above mentioned have been closed, the Court fixed the hearing of this cause for the 3rd October, 2024, at 8.45 a.m.

Notification: Paul Cardona, Tas-Sultan, Triq Ħal Far, Żurrieq
Michael Axisa, 4, Farmhouse, St Peter's Pool, Dellimara l/o Marsaxlokk

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 16th July, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1586

B'digriet tat-12 ta' Lulju, 2024, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn 35°14° Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 taġixxi għan-nom ta'

By a Decree of the 12th July, 2024, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by 35°14° Capital SCC plc with the registration number C105417 acting on behalf of Cell Couros

Cell Couros fid-9 ta' Lulju, 2024, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €110,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 65/19 fl-ismijiet George Zammit (KI 389461M) et vs Alfred Zammit (KI 474862M) et miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2024.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

on the 9th July, 2024, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €110,000 following judicial sale by auction 65/19 in the names George Zammit (ID 389461M) et vs Alfred Zammit (ID 474862M) et held under the authority of the said Court on the 4th July, 2024.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Tuesday, 16th July, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1587

ARB/C058/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Kevan Azzopardi, LLD). Kumpilazzjoni Numru 5907/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(L-Ispettur Gabriel Micallef)
(l-Ispettur Jeffrey Rizzo)

Kontra

AYRTON GAUCI, ta' 23 sena, iben Godwin Gauci u Grace Gauci xebba Borg, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-13 ta' Marzu, 2001, u residenti f'64, Triq San Fidiel, Il-Ħamrun, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 110801L.

ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' AYRTON GAUCI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u

ARB/C058/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th July, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Kevan Azzopardi, LLD). Compilation Number 5907/2024, in the case:

The Police
(Inspector Gabriel Micallef)
(Inspector Jeffrey Rizzo)

Versus

AYRTON GAUCI, 23 years, son of Godwin Gauci and Grace Gauci née Borg, born in Tal-Pietà, Malta, on the 13th March, 2001, and residing at 64, Triq San Fidiel, Ħamrun, and holder of a Maltese identity card bearing number 110801L.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to AYRTON GAUCI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six

għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 16 ta' Lulju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 16th July, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1588

ARB/C017/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Lulju, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 596/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CHARLSTON CASSAR;

REDENT CASSAR;

JEROME AZZOPARDI, jaħdem għal rasu, ta' 27 sena, iben Patrick Scicluna u Josephine Azzopardi xebba Azzopardi, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-9 ta' Mejju, 1997, residenti f'60, Fuq Verdala, Bormla, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 199797M.

U

JOSEF MAJRI;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-Bank of Valletta plc li jirċievi kull introjtu depożitat fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat JEROME AZZOPARDI li jispiċċa -6967 u miżmum mal-istess bank, minn fejn jista' jiġi rtirat l-ammont annwali massimu ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) mill-imputat.

ARB/C071/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 15th July, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 596/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CHARLSTON CASSAR;

REDENT CASSAR;

JEROME AZZOPARDI, self-employed, 27 years, son of Patrick Scicluna and Josephine Azzopardi née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta on the 9th May, 1997, residing at 60, Fuq Verdala, Cospicua, and holder of Maltese identity card bearing number 199797M.

AND

JOSEF MAJRI;

The Court AUTHORISES the Bank of Valletta plc to receive all of the income deposited into the bank account registered in the name of the accused JEROME AZZOPARDI ending in -6967 and held by the same bank, from which the maximum annual amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) may be withdrawn by the accused.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD), fl-14 ta' Settembru, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Charlston Cassar, Redent Cassar, JEROME AZZOPARDI, u Josef Majri.

Illum 18 ta' Lulju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD) on the 14th September, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th September, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Charlston Cassar, Redent Cassar, JEROME AZZOPARDI, and Josef Majri.

Today 18th July, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1589

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2024, fuq talba ta' Dott. John Bugeja Caruana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-padrun dirett mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1310/2024 fl-ismijiet Dr John Bugeja Caruana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1310/2024 ta' Dott. John Bugeja Caruana (KI 368840M) avukat u ġuvni, bin il-mejtin Alfred Bugeja Caruana u Eileen Bugeja Caruana née Mifsud imwieled Ħal Lija fis-27 ta' April, 1940, u joqgħod 70, Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Lija, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa ta' Charles Strickland fil-kwalità tagħhom ta' padruni diretti mhux magħrufa tal-fondi 149 u 150, Triq Santa Luċija, u 20, Triq it-Teżorerija, Il-Belt Valletta, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-18 ta' Ġunju, 2024, fejn Dott. John Bugeja Caruana espona bir-rispett:

Illi l-esponent għandu bi proprjetà l-utile dominju perpetwu tal-fondi urbani, uffiċjalment immarkati bin-numri 149 u 150 fi Triq Santa Luċija, u 20 fi Triq it-Teżorerija, Il-Belt Valletta, suġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' disa' liri sterlini ħdax-il xelin u tmien soldi (£9.11.8) ekwivalenti għal Lm9.58 u llum €22.32 oriġinarjament pagabbli lil Charles Strickland, altrimenti liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom kif delinjati fil-pjanta annessa Dok. X;

Illi l-esponent kien wiret dan l-utile dominju perpetwu mingħand missieru Alfred Bugeja Caruana qabel Novembru 1992;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 25th June, 2024, following a request by Dr John Bugeja Caruana it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owner in the records of the schedule of deposit number 1310/2024 in the names Dr John Bugeja Caruana vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1310/2024 in the names of Doctor John Bugeja Caruana (ID 368840M) advocate and bachelor, son of he late Alfred Bugeja Caruana and Eileen Bugeja Caruana née Mifsud, born in Ħal Lija on the 27th April, 1940, and residing at 70, Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Lija, vs Deputy Curators to represent the unknown successors in title of Charles Strickland, in their capacity as unknown direct owners of the premises 149 and 150, Triq Santa Luċija, and 20, Triq it-Teżorerija, Valletta, filed in the First Hall of the Civil Court on the 18th June, 2024, the applicant Doctor John Bugeja Caruana respectfully submitted:

That the applicant has the perpetual utile dominium of the urban premises, officially marked with numbers 149 and 150 in Triq Santa Luċija, and 20 in Triq it-Teżorerija, Valletta, subject together to the annual and perpetual groundrent of nine sterling eleven shillings and eight pence (£9.11.8) equivalent to Lm9.58 and today €22.32 originally payable to Charles Strickland, otherwise free and unencumbered, with all their rights and appurtenances as outlined in the attached plan Doc. X;

That the applicant had inherited this perpetual utile dominium from his father Alfred Bugeja Caruana before November 1992;

Illi oriġinarjament, il-padrun dirett ta' dawn il-fondi kien ċertu Charles Strickland, li safejn jaf l-esponent m'għadux ħaj u l-esponent m'għandux ħjiel ta' min huma, jew jistgħu jkunu, is-suċċessuri tiegħu;

Illi sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà, l-esponent jixtieq jiddepożita favur il-padrun dirett mhux magħruf l-arretrati taċ-ċens għall-aħħar ħames (5) snin, ammontanti għal €111.60, filwaqt li jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu bl-artikolu 1501 tal-Kodici Ċivili u jifdi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-istess ċens.

Iċ-ċens ta' €22.32 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €446.40.

Għaldaqstant, l-esponent jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożita s-somma ta' €111.60 għas-saldu ta' kwalunkwe arretrati ta' taċ-ċens talvolta dovuti lill-padrun dirett għar-rigward tal-fondi 149 u 150 Triq Santa Luċija, u 20 Triq it-Teżorerija, Il-Belt Valletta, u s-somma ta' €446.40 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-istess fondi 149 u 150, Triq Santa Luċija, u 20, Triq it-Teċorerija, Il-Belt Valletta, għas-saldu ta' kwalunkwe prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens u liema somma għandha tiġi liberament mogħtija lil min għandu jedd għaliha wara li jħalli d-debita riċevuta għas-saldu.

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Art, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Ġunju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

That originally, the direct owner of these premises was certain Charles Strickland, who as far as the applicant knows is no longer alive and the applicant has no clue of who are, or could be, his successors;

That in order to exempt himself from any responsibility, the applicant wishes to deposit in favour of the unknown direct owner the arrears of groundrent for the last five (5) years, amounting to €111.60, whilst availing himself of the faculty given to him by Article 1501 of the Civil Code and redeem for all intents and purposes of law the same groundrent.

The €22.32 groundrent capitalised at the rate of 5% amounts to €446.40.

Thus, the applicant calls upon this Honourable Court and under its Authority deposit the sum of €111.60 for the settlement of any arrears of groundrent due to the direct owner as regards the premises 149 and 150, Triq Santa Luċija, and 20 Triq it-Teżorerija, Valletta, and the sum of €446.40 price of redemption of the annual and perpetual groundrent burdening the same premises 149 and 150, Triq Santa Luċija, and 20, Triq it-Teżorerija, Valletta, for the settlement of any redemption price of this groundrent and which sum shall be freely given to whom it has the right to it after leaving the duly receipt for settlement.

Notification: Director Public Registry, 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Registrar of Lands, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Griscti, LLD, Doctor of Laws.

Today 25th June, 2024

Registry of the Superior Courts, today 19th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1590

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Lulju 2024, Rikors numru 978/2018/1, minn Marion sive Marion Bennet Neame et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Marion sive Marion Bennet Neame, Angela Pawley u Josephine Paris Neame wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Josephine Neame, armla ta' Edward Neame, bint il-mejtin Emanuel Taliana u Mary Rose Taliana née Agius, imwielda Ħaż-Żebbuġ, Malta, kienet residenti San Ġiljan, Malta, u mietet San Ġiljan, Malta, fit-30 ta' Novembru, 1990, ta' 82 sena, u li kellha karta tal-identità numru 333652M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 18 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th July, 2024, Application number 978/2018/1, by Marion sive Marion Bennet Neame et whereby they requested that it be declared open in favour of Marion sive Marion Bennet Neame, Angela Pawley and Josephine Paris Neame children of the decujus in equal shares between them the succession of Joseph Neame, widow of Edward Neame, daughter of the late Emanuel Taliana and Mary Rose Taliana née Agius, born in Ħaż-Żebbuġ, Malta, resided in St Julian's, Malta, and died in St Julian's, Malta, on the 30th November, 1990, aged 82 and who held identity card number 333652M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 18th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1591

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-9 ta' Lulju, 2024, Rikors numru 608/2024, minn Winnifred Calleja et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Winnifred Calleja, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2 indiviż favur Paul Philomena Dickenson u Gemma Rose Jensen ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Gregorio Gerald John Nicholas Calleja, żewġ Winnifred Calleja, bin il-mejtin Michele Calleja u Filomena née Schembri, imwieled is-Siġġiewi, Malta, kien residenti San Pawl il-Baħar, Malta, u miet Bowdon, l-Ingilterra, fl-14 ta' Novembru, 2023, ta' 96 sena, u li kellu karta tal-identità numru 683127M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 18 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 9th July, 2024, Application number 608/2024, by Winnifred Calleja et whereby they requested that it be declared open in favour of Winnifred Calleja, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Paul Philomena Dickenson and Gemma Rose Jenson children of the decujus in equal shares between them the succession of Gregorio Gerald John Nicholas Calleja, husband of Winnifred Calleja, son of the late Michele Calleja and Filomena née Schembri, born in Siggiewi, Malta, resided in St Paul's Bay and died in Bowdon, England, on the 14th November, 2023, aged 96, and who held identity card number 683127M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 18th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1592

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-8 ta' Lulju, 2024, Rikors numru 600/2024, minn Benjamin sive Benny Grixti et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Benjamin sive Benny Grixti, Joseph Grixti, Martin Grixti, Sandra Vella u Doreen Grixti wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom dak ta' kwinta (1/5) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Teresa sive Theresa Grixti née Busuttil, armla ta' John sive Giovanni Grixti, bint il-mejtin Giuseppe Busuttil u Maria Busuttil née Schembri, imwielda l-Marsa, Malta, kienet residenti l-Marsa, Malta, u mietet Ħal Luqa, Malta, fil-5 ta' April, 2024, ta' 83 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0397140M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 18 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 8th July, 2024, Application number 600/2024, by Benjamin sive Benny Grixti et whereby they requested that it be declared open in favour of Benjamin sive Benny Grixti, Joseph Grixti, Martin Grixti, Sandra Vella and Doreen Grixti children of the decujus in equal shares between them that of one fifth (1/5) undivided share each one of them the succession of Teresa sive Theresa Grixti née Busuttil, widow of John sive Giovanni Grixti, daughter of the late Giuseppe Busuttil and Maria Busuttil née Schembri, born in Marsa, Malta, resided in Marsa, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 5th April, 2024, aged 83, and who held identity card number 0397140M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 18th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1593

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-22 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 1058/10 fl-ismijiet Costantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Emanuel Buhagiar (KI 67748M) u Jason Buhagiar (KI 19277M) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors Maħluf numru 1058/2010, ippreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet premessi, Nazzareno sive Reno Muscat (KI 93658M) u Anna Muscat (KI 289657M) ir-rikorrenti jgħidu li ma jafux min huma l-eredi ta' Marija Roza Buhagiar li mietet fil-mori tal-kawża u jidher illi ħadd ma ppreżenta rikors biex jissokta l-kawża flok id-decuius a tenur tal-Artikolu 806 tal-Kap. 12 għalkemm jidher li hija ħalliet warjha lil żewġha Emanuel Buhagiar u lit-tifel taghhom Jason Buhagiar.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna n-notifika ta' dan ir-rikors lill-uniċi werrieta preżuntivi magħrufa ossija żewġha Emanuel Buhagiar (KI 67748M) u lit-tifel tagħhom Jason Buhagiar (KI 19277M) li jkollhom xahar biex jiddikjaraw jekk jaċċettawx li jkomplu l-kawża f'isimhom u fin-

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 22nd May, 2024, in the records of Application Number 1058/10 in the names Costantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Emanuel Buhagiar (ID 67748M) and Jason Buhagiar (ID 19277M) in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the Sworn Application number 1058/2010, filed on the 1st December, 2023, in the names premised, Nazzareno sive Reno Muscat (ID 93658 M) and Anna Muscat (ID 289657 M), the applicants, state that they do not know the identity of Marija Roza Buhagiar's heirs who died during the proceedings and it appears that no one filed an application to continue the cause in her stead in terms of section 806 of Cap. 12, although she left her husband Emanuel Buhagiar and their son Jason Buhagiar as her survivors.

Therefore, the applicants humbly requests that this Honourable Court orders the service of this application to the only known presumptive heirs that is her husband Emanuel Buhagiar (ID 67748 M) and their son Jason Buhagiar (ID 19277 M) who have one month to declare whether they accept to continue the cause in their name and failing which

nuqqas il-Qorti jogħġobha tinnomina kuraturi ad litem biex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejta Marija Roza Buhagiar.

Notifika: i) Emanuel Buhagiar, 62, St Michael, Triq Santa Rita, Birżebbuġa
ii) Jason Buhagiar, 62, St Michael Triq Santa Rita, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 15 ta' Lulju, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Court shall appoint curators ad litem to represent the interests of the deceased Marija Roza Buhagiar.

Notification: i) Emanuel Buhagiar, 62, St Michael, Triq Santa Rita, Birżebbuġa
ii) Jason Buhagiar, 62, St Michael, Triq Santa Rita, Birżebbuġa

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 15th July, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1594

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-28 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 86/2023 fl-ismijiet Frederick Attard (KI 0716456M) u Alfred Coppola (KI 0402360M) vs l-Awtorità tal-Ippjanar u Akasha Hamed, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Akasha Hamed a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 86/2023 ippreżentat fit-28 ta' Novembru, 2023, l-appellanti Frederick Attard u Alfred Coppola ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar iddatata 9 ta' Novembru, 2023, billi dan kiser id-dritt għal smigħ xieraq tal-appellanti u l-liġijiet dwar il-protezzjoni ta' persuni b'diżabbiltà.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu li fl-ewwel lok, din il-qorti tordna r-referenza kostituzzjonali kif mitlub permezz ta' rikors ippreżentat kontestwalment u konsegwentement tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet premessi fid-9 ta' Novembru, 2023, u dan billi tagħti dawk l-ordnijiet kollha neċessarji u/jew opportuni inkluż billi tħassar u tirrevoka l-permess RG 329/22 u/jew tirrimetti l-atti għad-deċiżjoni tal-Bord ikkostitwit b'mod differenti jew tgħaddi sabiex tiċħad l-applikazzjoni odjerna bl-ispejjeż kontra l-istess intimati appellati.

Ir-Rikors numru 86/2023 fl-ismijiet Frederick Attard u Alfred Coppola vs l-Awtorità tal-Ippjanar u Akasha Hamed jinsab iddifferit għad-9 ta' Ottubru, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika: Akasha Hamed, Listz, 204, Flat 2, Triq D'Argens, Il-Gżira

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 16 ta' Lulju, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 28th February, 2024, in the records of Application number 86/2023 in the names Frederick Attard (ID 0716456 M) and Alfred Coppola (ID 0402360 M) vs the Planning Authority and Akasha Hamed, the following publication was ordered for the purpose of service of Akasha Hamed in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application No. 86/2023 filed on the 28th November, 2023, the said appellants Frederick Attard and Alfred Coppola felt aggrieved by the decision delivered by the Environment and Planning Review Tribunal dated 9th November, 2023, as this violated the appellants the right to a fair hearing and the laws regarding the protection of persons with a disability.

Therefore, the appellants request that in the first place, this court orders the Constitutional Reference as requested by means of a contextually filed application and consequently proceeds to cancel and revoke the appealed decision given by the Environment and Planning Review Tribunal in the names premised on the 9th November, 2023, and this by issuing all those orders necessary and/or opportune including by cancelling and revoking Permit RG 329/22 and/or remitting the acts to the decision of the differently constituted Board or passing on to dismiss the present application with costs against the same applicant; with costs against the same respondents.

Application number 86/2023 in the names Frederick Attard and Alfred Coppola vs the Planning Authority and Akasha Hamed has been deferred for hearing to the 9th October, 2024, at 9.00 a.m.

Notification: Akasha Hamed, Listz, 204, Flat 2, Triq D'Argens, Gżira

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 16th July, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603